MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
MANDUCA PHILIP**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2198/2002

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Bouvett sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Carmelo Bouvett**

**Vs**

**Francis Saliba**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm 529.39c (hames mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u tlettin centezmi) rappresentanti danni kkagunati f' incident awtomobilistiku tas- 17 ta' Gunju, 2001 fil-Marsa, bejn il-vettura (mutur) bin-numru DBF 718 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru DAD 887 misjuqa min u proprjeta ta' l-attur Carmelo Bouvett, liema vettura

kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imprezija u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkudi hamsin lira (Lm50) ‘Excess’ u tliet lira (Lm3) ghar-‘Road Accident Report’ imhallsa mil-attur Carmelo Bouvett, li kien assikurat taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mid-data tal-presentata ta’ Avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci ;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**